**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 3-11

**Data: 28** ta' Marzu 2011

**Hin:** 18.00p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 2.11 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Vici Sindku Norbert Grech.

**2. Mill-Minuti:-**

2.1 Tariffi tal-MEPA fuq l-applikazzjonijiet godda – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara r-revizjoni tat-tariffi l-ammont approssimattiv jammonta ghall-30,000 ewro cirka peress li issa Kunsill Lokali m'ghadux jitqies taht il-kategorija kummercjali.

2.2 Pjanti ghac-Centru Civiku
Is-Sindku informa l-Kunsill li huwa ltaqa mal-Perit sabiex jiddiskuti l-olterazzjonijiet tal-pjanta. Il-Kunsill rega ddiskuta l-pjanta bit-tibdil mehtieg.

**3. Korrispondenza**

3.1 Festa Gemellaggi
Ser issir nhar il-11 u t-12 ta' April 2011. Id-Delegazzjoni Taljana se tigi bejn l-10 u 13 ta' April 2011. Ibbukjata il-Hotel Marina f'Tas-Sliema.

3.2 Pjan ta' rigenerazzjoni ghall-binjiet tal-Gvern

Is-Sindku fiehem il-Kunsill dwar l-iskema tar-rigenerazzjoni ghall-binjiet tal-Gvern mill-Awtorita tad-Djar flimkien mal-Kunsilli Lokali. Huwa qal li l-Kunsill ghandu 11 il-blokka li ser isiru fis-sena 2012 u 10 blokki ghas-sena 2013. L-awtorita tad-djar ser thallas 5,000 ewro ghat-tiswija ta' kull komun. Biex dan ikun jista jsir, ghandha titwaqqaf assocjazzjoni tar-residenti fejn minnha jinghazel l-amministratur ta' kull blokka.

Dwar il-progett propost li ser jigi ffinanzjat mill-Awtorita tad-djar, gie propost li jsir il-hajt ta' mad-dawra ta' Bighi li prezentament qieghed hazin hafna li sahansitra huwa ta' detrement ghall-dawk li jghaddu minn jew joqghodu fil-vicinanzi. Il-Kunsill approva din il-proposta.

**4. Kwotazzjonijiet u Sejhiet ghall-offerti.**

Is-Sejha ghall-offerti tal-pavimentar ingabret minn zewg kuntratturi u ntefghet minn wiehed Charlot Grech. Is-sejha giet approvata b'vot unanimu.

Is-Sejha ghall-kwotazzjonijiet tal-manutenzjoni ta' dwal tat-toroq ingabret minn zewg kuntratturi u ntefghet minn wiehed Lawrence Zammit. Is-sejha giet approvata b'vot unanimu.

Is-sejha ghall-kwotazzjonijiet tal-kolonna tal-mafkar ingabret minn persuna wahda u ntefghet mill-istess persuna fejn giet approvata b'vot unanimu.

**5. Attivita Puttinu.**

**6. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti**

Giet apporvata l-lista ta' nfieq bin-numru 03/2011.

**6.1 Xogholijiet li ser ikunu qeghdin isiru matul din is-sena**

6.1a Il-latrina Pubblika fil-Pjazza Misrah Arcisqof Gonzi qieghda fi stat avvanzat u jonqos is-saqaf. Zewg haddiema ser jaghmlu d-dawl u l-ilma u l-biebien.

6.1b It-tlett sqaqien sar il-permess tal-MEPA u kif ikollna risposta mill-istess Mepa tkun tista ssir l-applikazzjoni ghall-fondi tal-UIF.

6.1c Ftehim bejn l-Iskola Primarja tal-Kalkara u l-Kunsill dwar il-manutenzjoni ta' bicca art fi Triq is-Sienja konfini tal-iskola gie ffirmat u ghall-bidu ta' Mejju jkun jista jibda x-xoghol.

6.1d Il-Kunsilliera Maria Sultana ghaddiet ilment dwar bozza mitfija fejn il-bieb taghha, u l-Vici Sindku rega fakkar dwar l-applikazzjoni tal-bozza gdida fi Triq Santu Rokku.

**7.** **<u>Aggornament</u>**

7.1 Il-Vici Sindku Norbert Grech ghadda dawn il-punti:

a. Isir tindif fl-area tal-garaxxijiet ta' Triq Santa Filumena.

7.2 Il-Kunsilliera Speranza Chircop ghaddiet dawn il-punti:

a. Isiru l-pots fi Triq Santa Filumena

b. Titranga l-molla tal-grada fil-bandli.

7.3 Il-Kunsilliera Maria Sultana ghaddiet dawn il-punti:

c. Issir iz-zebgha fil-ground tal-iskola.

M.Cohen
Sindku

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv